Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 65/2016

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Sabrina Caruana

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Sabrina Caruana detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 303582M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Awwissu 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data:
a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-

Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kif ukoll talli minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti mill-konfini tal-habs u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti jkunu li jkunu specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Jannar,2016, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 u l-Artikoli 17(b), 17(h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha (b'dan illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni qed issibha hatja biss fir-rigward tal-21 ta' Awwissu 2012 u mhux fir-rigward tax-xahar ta' qabel din id-data) u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannata ghall-piena ta' **tliet (3) xhur** prigunerija effettiva – mil-liema ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hatja kienet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz – u **multa ta' erba' mitt Euro (€400)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja fi zmien sena mil-lum. B'dan illi jekk hija tonqos milli thallas dan

l-ammont fiz-zmien lilha preskritt, l-istess ammont jew kwalsiasi bilanc rimanenti jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, kif ukoll fil-mori tal-proceduri odjerni u dan fis-segwenti mod: terz tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' mija, hamsa u sittin Euro u erbgha u disghin centezmu (€165.94), nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia ammontanti ghas-somma ta' wiehed u sebghin Euro (€71), nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 404 Paul Camilleri ammontanti ghas-somma ta' erbgha u tletin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€34.41) u nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija u tlettax-13 il Euro u sebgha u tmenin centezmu (€113.87). Dawn l-ispejjez ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, hamsa u tmenin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€385.22) ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena mil-lum.21 B'dan illi kemm il-darba hija tonqos milli thallas dan l-ammont fiz-zmien lilha preskritt, kwalunkwe bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

In oltre il-Qorti tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hatja tinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja li ghandha bzonn, inkluz jekk tinhass il-htiega mill-professjonisti li qeghdin isegwuha, b'mod partikolari l-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri, billi hija tiskonta l-piena hawnhekk erogata gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli.

Il-Qorti ordnat illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sabrina Caruana, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Frar, 2016, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogghoa tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabitha hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha limitament ghal 21 t' Awwissu 2012 u mhux ix-xhur ta' qabel, u tirriformaha billi tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanta Sabrina Caruana huwa car u manifest fis-segwenti:

Illi jigi sottomess illi x-xhieda dettaljata tat-tabib psikjatra kuranti ta' l-appellanti Sabrina Caruana hi persuna ingenwa u vulnerabbli, mara li ta' tletin sena qatt ma kellha boyfriend jew ghad-dirittura qatt ma rceviet attenzjoni jew mqar kumpliment zghir minn ragel qabel ma giet avvicinata minn prigunier fuq Facebook. Mara illi kif xehdet dettajament hi stessu kif ikkorroborat mit-tabib Psikjatra Dr Joe Spiteri kienet infatwata u manipulate minn ragel illi ha vantagg mill-vulnerabilita' ta' l-appellanti illi hi inflitta minn problem kbar illi ggib maghha l-obezita' estrema, id-dipressjoni u passat ta' bullying.

Illi l-Ewwel Qorti abbraccjat it-tezi tad-difiza fis-sens illi il-fatti spec ital-kaz in dezaminam jinkwadraw ruhhom fil-pronuncjament tas-sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Isabelle Brincat, varji sentenzi kollha moghtija nhar l-14 ta' Marzu 2013. Dik il-Qorti, fid-dawl tal-fatt illi l-appellanta qatt ma kisret difrejha mal-ligi hlief f' dawn l-okkazzjonijiet sforz il-perswazzjoni u konvinciment ta' Reginald Bugeja illi kien ta' influwenza negattiva ghall-hajja ta' l-appellanta, ghaddiet biex bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lil Brincat ghal piena ta' xahar prigunerija ghal kull kaz illi ghalih kienet tressqet Brincat.

Fis-sentenza appellate, l-Ewwel Qorti qaelt hekk;

"Il-Qorti tqis ic-cirkostanzi tal-kaz appena citat huma simili ghal dawk tal-kaz odjern u jidhrilha li ghandha tkun klementi ma' l-imputata."

Issa f' dawn il-proceduri, huwa minnu illi il-Qorti kienet klementi ma' l-imputata izda huma minnu wkoll illi dik il-Qorti ikkundannata il-piena ta' 3 xhur prigunerijaeffettiva oltre l-multa ta' erba mitt ewro.

Illi hu altro che car illi l-imputata u s-socjeta tibbenefika minn sentenza aktar miti lit kun tirrifletti dik erogata fis-sentenza il-Pulizija vs Isabelle Brincat u dana sabiex l-appellanti, persuna ingenwa u mill-aktar vulnerabbli u dana sabiex tkun tista' tirrintegra ruhha fis-socjeta'.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi li dwarhom l-appellanti giet misjuba hatja u cioe' ir-reati ta' traffikar ta' droga bl-aggravvanti illi dan l-istess traffikar sehh gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Tilmenta illi kienu jezistu l-attenwanti kollha sabiex il-piena karcerarja ta' tlett xhur prigunerija u multa ta' €400 titqies illi hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Illi l-piena stabbilita ghar-reat ta' traffikar ta' droga meta dan jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ghandha tkun dik ta' prigunerija ta' bejn sitt xhur u ghaxar snin flimkien ma' multa ta' bejn €465.87 u €11646.87. Issa l-appellanti di piu giet misjuba hatja illi dan ir-reat sehh fil-bini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin fejn allura b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 260 il-piena ghandha tizdied bejn minimu ta' xahar sa massimu ta' tmintax-il xahar prigunerija. Illi allura il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet taqa' taht il-minimu dettat mill-ligi u dan meta fir-rigward tar-reat tat-traffikar tad-droga nizzlet b'zewg gradi meta applikat id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 29. Illi allura l-Ewwel Qorti kienet miti hafna lejn l-appellanti meta giet biex teroga l-piena ta' tlett xhur prigunerija flimkien mal-multa ta' €400, liema piena hija wahda fil-minimu tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz. Il-mottiv li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex taghmel dan huma spjegati b'mod dettaljat fid-decizjoni impunjata, li din il-Qorti qajla ghandha ghalfejn izzid iktar maghhom.

L-appellanti tqies illi l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni x-xhieda tal-psikjatra kuranti taghha Dr. Joseph Spiteri u c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, flimkien mal-piena erogata f'kaz simili ta' xahar prigunerija fis-sentenza Il-Pulizija vs Isabelle Brincat. Issa jidher illi dawn il-fatturi l-Ewwel Qorti kollha qisethom u ma halliet barra l-ebda dettall li seta b'xi mod jinfliggi fuq il-piena erogata. Stqarret car u tond l-Ewwel Qorti li kienet ser tkun klementi ma'l-appellanti u fil-fatt hekk ghamlet meta wiehed iqies illi l-minimu tal-piena preskritt ghar-reati serji addebitati lill-appellanti huwa ta' sitt xhur prigunerija u l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tinfliggi in-nofs ta' dan. Dan ghaliex qieset ukoll illi l-appellanti kienet assistiet lill-pulizija fil-kors

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

ta'l-investigazzjonijiet u allura kellha tibbenefika mid-dispost ta'l-artikolu 29 tal-Kap.101,fil-massimu, ghalkemm dan id-dispost tal-ligi ma giex indikat mill-Ewwel Qorti fil-parti decizorja.

Illi l-Qorti tosserva illi r-reat ta' traffikar huwa wiehed serju hafna anke jekk dan isir minghajr ebda qliegh personali, u anke jekk sehh f'cirkostanzi sfortunati partikolari fejn it-traffikant ikun gie uzat u sfruttat minn min jkun irid jigi supplit b'dik id-droga. Terga' f'dan il-kaz id-droga giet ittraffikata gewwa l-Habs, li kif inghad, jirrendi ir-reat iktar serju. Illi ghalkemm il-Qorti tista tifhem l-problemi socjali u familjari li hija afflitta minnhom l-appellanti u anke l-fatt illi hija ma kenitx xi traffikant li ghamlet dan b'xi intenzjoni ta' qliegh izda ghaliex giet sfruttata u abbuzata minn min kellu certu hazen u makkakerija, xortawahda dana ma jistax jezoneraha minn kwalunkwe piena ghall-azzjonijiet minnha kommessi. Fuq kollox l-appellanti hija mara matura li kapaci tifhem illi anke il-pussess semplici tad-droga hija illegali, ahseb u ara it-traffikar ta'l-istess. Illi x-xhieda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri quddiem din il-Qorti ma tefghetx xi dawl gdid fuq il-kaz jew xi cirkostanza li l-Ewwel Qorti skartataha u kwindi din il-Qorti ma tista' issib l-ebda mottiv 'il ghala ghandha tiddiparttixxi mill-fehma gusta u ghaqlija ta'l-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti tqies ukoll illi huwa xi ftit jew wisq odjuz illi qorti ta' revizjoni tvarja il-piena erogata meta din tkun wahda gusta u fil-parametri u dan ghaliex hemm xi disparita ma' xi sentenza ohra simili. Dan ghaliex ic-cirkostanzi ta' kull kaz huma differenti. Lanqas meta ikun hemm zewg ko-akkuzati misjuba hatja ta'l-istess reati ma jinhass illi ghandu ikun hemm revizjoni fejn hemm disparita fil-piena, ahseb u ara meta si tratta ta' zewg kawzi kompletament estranji ghal xulxin bhal fil-kaz in dizamina.

Illi l-Blackstone ighid hekk fir-rigward: (*Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650)

"*A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence.*

*The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by Stroud (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant <u>was wrong in principle or manifestly excessive</u>. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, Wood (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.*

Issa ibda biex l-Ewwel Qorti  hadet in konsiderazzjoni l-kawza iccitata mill-appellanti fir-rikors taghha ta'l-appell "Il-Pulizija vs Isabelle Brincat". Din il-Qorti kellha ukoll okkazzjoni tqies dan il-kaz u rat illi fil-fatt kien hemm addirittura erba decizjonijiet u mhux wahda fir-rigward fejn Brincat kienet giet akkuzata f'erba kawzi separati tar-reat tat-traffikar tad-droga. Illi din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, allura ghaddiet biex erogat piena ta' xahar prigunerija ghal kull kaz billi qieset illi l-erba infrazzjonijiet kellhom jitqiesu bhal reat kontinwat u allura erogat il-piena daqslikieku dan kien kaz uniku. Fattispecje kemmxejn differenti b'konsiderazzjonijiet legali allura kompletament estranji ghal dan il-kaz.

Premessi allura dawn il-gwidi gurisprudenzjali u il-fatti tal-kaz kif jirrizultaw mill-atti probatorji, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti li hadet in konsiderazzjoni il-fattispecje kollha tal-kaz u erogat piena fil-parametri dettati mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata. Il-Qorti taghmel taghha ir-rakomandazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-appellanti tinzamm fit-Taqsima Forensika tal-Habs kif ukoll li tinghata l-ghajnuna psikologika mehtiega tul il-permanenza taghha gewwa il-Habs.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur